**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawza Nru: 65/2015**

**Illum: 30 ta' Ottubru, 2015**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Malcolm Bondin)**

**vs**

**Larkin Bihiga**
**(ID 421189(M))**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Larkin Bihiga ta' 25 sena, iben Ephraim Nsuma u Rita nee` Zammit, imwieled il-Pieta` nhar it-12 ta' Settembru 1989, residenti gewwa numru 2, Sqaq il-Matluwa, Birkirkara u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 421189M;

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fl-1 ta' Jannar 2015 u fil-jiem ta' qabel din id-data:

a) Kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-

disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-1 ta' Jannar 2015:

b) Harab mill-kustodja tal-persuna jew tal-persuni nkarigati mill-kustodja tieghu;

c) Ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-Ispettur Dennis Theuma, ufficjal pubbliku inkarigat mis-servizz pubbliku, jew ma halliehx jew fixklu waqt li kien qed jaghmel id-dmirijiet tieghu, jew b'xi mod iehor, bla jedd, indahal fi dmiru billi ma halliex lil haddiehor jaghmel dak li b'ligi jkun ordnat jew jista' jaghmel, jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor ikun ghamel skond il-ligi, jew b'xi mod iehor li jkun, kemm il-darba din id-disubbidjenza jew dan l-indhil ma jkunux jaqghu taht disposizzjonijiet ohra tal-Kap. 9 jew ta' ligi ohra;

d) Irrifjuta li jaghti jew ta falz, lill-Ispettur Dennis Theuma, ufficjal pubbliku, li hu inkarigat minn servizz pubbliku, waqt li kien jaghmel id-dmirijiet tieghu, ismu, kunjomu, fejn joqghod u partikolaritajiet ohra;

e) Talli sar recidiv b'sentenza moghtija mill-Qorti ta' Malta preseduta mill-Magistrat Dr. C. Scerri Herrera nhar it-3 ta' Novembru 2010, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti

ta’ Gudikatura Kriminali, kif ukoll il-kunsens tal-Avukat Generali ai termini tal-Artikolu 370(4) tal-Kap. 9, sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Rat ukoll illi ghalkemm waqt l-ezami tieghu ai termini tal-Artikoli 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap. 9, l-imputat wiegeb li mhux hati, sussegwentement fl-istess seduta tas-27 ta’ Mejju 2015, l-imputat irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta’ dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga’ jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga’ lura minnha.

Semghet trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputat, il-Qorti ma tistax hlief issibu hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Ghal fini ta’ piena, il-Qorti qed tiehu in konsiderazzjoni fl-ewwel lok, l-ammissjoni bikrija tal-imputat u l-fedina penali tieghu fiz-zmien tar-reati odjerni (ossia sal-21 ta’ Jannar 2015), liema fedina penali tikkonsisti f’kundanna wahda li tirreferi ghas-sena 2010 u dan dwar diversi reati kontravvenzjonali – tnejn minnhom identici ghar-reati kkontemplati fl-imputazzjonijiet (c) u (d) - u r-reat ikkontemplat fl-Artikolu 209 tal-Kap. 9. Rat ukoll is-sentenza in kwistjoni (esebita a fol. 11 tal-process), moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali, kif preseduta mill-Magistrat Dr. Consuelo Scerri Herrera, datata 3 ta’ Novembru 2010, permezz ta’ liema sentenza, l-imputat odjern gie kkundannat ghal piena ta’ multa. Ghaldaqstant, l-imputat huwa recidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9.

Qieset ukoll fir-rigward tal-imputazzjoni (a), id-dikjarazzjoni tal-Ufficjal Prosekutur, fis-sens illi l-piz tas-sustanza mertu ta’ din l-imputazzjoni huwa inqas minn zewg grammi u ghaldaqstant japplikaw id-disposizzjonijiet tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ghal fini ta’ piena, il-Qorti qeghda tapplika wkoll id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(d) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz, b’mod partikolari li din hija t-tieni darba li l-imputat xellef difrejgh mal-gustizzja, il-Qorti jidhrilha illi fil-waqt li piena ta’

prigunerija effettiva m'hijiex piena idonea, madankollu jkun ghaqli li l-imputat jitqieghed taht Ordni ta' *Probation* sabiex b'hekk ikun jista' jigi segwit minn Ufficjal tal-*Probation*.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI u l-Artikolu 22(1)(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 4(1) tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, l-Artikoli 17(d), 49, 50, 151, 160, 338(g) u 338(ee) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, qed issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kap. 446, qed tqieghdu taht **Ordni ta' *Probation* ghal zmien tmintax-il xahar mil-lum**, bil-kundizzjonijiet indikati fl-Ordni hawn annessa, liema Ordni ghandha tifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Fir-rigward tal-imputazzjoni (a), il-Qorti qed tikkundanna lill-hati ghall-**penali ta' mitt Euro (€100)**.

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi kemm il-darba huwa jikkommetti reat waqt il-perjodu operattiv tal-Ordni ta' *Probation* jew jekk jonqas milli jsegwi xi wahda mill-kundizzjonijiet tal-istess Ordni.

Tordna d-distruzzjoni tas-sustanza esebita bhala Dok. MB3, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *proces-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Stante li ma gewx mahtura esperti f'dawn il-proceduri, qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba tal-Prosekuzzjoni ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat